# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

MAGISTRAT
**Dr. Victor George Axiak LL.D. Dip. Tax**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2020
Sessjoni tal-Ghid il-Hamiem
Rikors Numru: 71/2018 VGA *gia' FDP*

**Onor. Imhallef Emeritus Dottor Philip Sciberras (K.I. 935645M)**

***vs***

**(1) Ivan Camilleri (2) Mark Wood u (3) Herman Grech ilkoll ta' Allied Newspapers Limited, Triq l-Intornjatur, Mriehel, Birkirkara fil-vesti taghhom ta' awtur u edituri ta' The Sunday Times of Malta, kif riprodott fuq www.timesofmalta.com**

**Il-Qorti,**

1. Rat l-avviz ipprezentat mir-rikorrent l-Onor Imhallef Emeritus Dottor Philip Sciberras fis-26 ta' Marzu 2018 li permezz tieghu talab lill-intimati Ivan Camilleri, Mark Wood u Herman Grech fil-vesti taghhom ta' awtur u edituri ta' The Sunday Times of Malta (kif riprodott fuq www.timesofmalta.com) jghidu 'l ghaliex ma' ghandhomx ikunu kkundannati:

    1. *Prevja d-dikjarazzjoni illi bhala awtur u edituri rispettivament taz-zewg (2) artikoli intitolati (i) "**ExMP gets top pension despite objections**" u (ii) "**Ex-MP gets top pension despite Treasury objections**" it-tnejn ippublikati fil-gurnal stampat The Sunday Times of Malta kif ukoll il-*

*website www.timesofmalta.com rispettivament, nhar il-Hadd, 18 ta' Marzu 2018 (kopja ta' l-artikoli hawn annessi u mmarkati* **Dok. PS 1** *u* **Dok PS 2** *rispettivament) dawn immalafaw u illibellaw lill-esponent billi attakkaw l-integrita', l-unur u r-reputazzjoni personali tieghu, kif ukoll esponew lill-istess ghar-redikolu u ghad-disprezz pubbliku, permezz ta' allegazzjonijiet u/jew insinwazzjonijiet serji li huma ghal kollox inveritjeri u foloz kif ser jigi ppruvat; u*

2. *Ihallsu lill-esponent, il-massimu kontemplat fl-Artikolu 28 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta bhala danni in riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra b' konsegwenza tal-artikli fuq imsemmija, liema artikli kellhom l-ghan li jtellef u jnaqqas ir-reputazzjoni, l-integrita' u l-unur tieghu.*

3. *Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti minn issa ghas-subizzjoni."*[1]

2. Rat ir-risposta tal-intimati pprezentata fit-13 ta' April 2018 li permezz taghha eccepew is-segwenti:

1. *"Illi preliminarjament it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Herman Grech huma insostenibbli fil-fatt u fid-dritt billi huwa ma kitibx l-artikoli mertu ta' din il-kawza, ma ghamel xejn biex dawn jigu ippubblikati f' The Sunday Times of Malta u f'www.timesofmalta.com u l-anqas ma kien editur registrat taht il-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta meta l-istess artikoli gew ippubblikati f' dawn il-mezzi u ghalhekk fil-konfront tieghu, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur;*

2. *Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-soespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur billi l-publikazzjonijiet mertu ta' din il-kawza jikkonsistu f' rapporti veritjer u fidil, maghmul in buona fede fuq l-pozizzjoni tat-Tezor fir-rigward tal-pensjoni ta' l-attur bhala ex-membru parlamentari, fuq avvenimenti relatati u fuq kummenti giusti dwar haga ta' interess pubbliku u bhala tali l-istess publikazzjonijiet mhux biss permissibbli fl-ordinament guridiku izda wkoll huma mehtiega ghas-sahha istituzzjonali u demokratika ta' dan il-pajjiz;*

3. *Illi wkoll fil-mertu subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur billi ma hemm ebda' hjiel ta' animus injurjandi f' dan il-kaz u giet*

---

[1] Fol. 1

*ippubblikata l-pozizzjoni ta' l-attur kemm f' The Sunday Times of Malta kif ukoll fis-sit www.timesofmalta.com (Dokumenti STOM 1 u STOM 2);*

4. *B' riserva ta' eccezzjonijiet ohra bi twegiba ulterjuri skont il-ligi kontra l-attur ingunt minn issa sabiex jihder personalment ghas-subizzjoni."*[2]

3. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda tal-intimat Herman Grech moghtija fis-seduta tal-7 ta' Mejju 2018[3]; tal-intimat Ivan Camilleri moghtija fis-seduta tal-7 ta' Mejju 2018[4], tal-12 ta' Novembru 2018[5] u tal-17 ta' Jannar 2019[6], ta' Angelo sive Lino Debono moghtija fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2018[7] u fis-seduta tal-17 ta' Jannar 2019[8], ta' Noel Camilleri moghtija fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2018[9], ta' Joe Galea moghtija fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2018[10], tar-rikorrent l-Imhallef Emeritus Dottor Philip Sciberras moghtija fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2019[11] u fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2018[12], kif ukoll semghet ix-xhiedha ta' Graziana Cassar ghar-Registratur tal-Istampa moghtija fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2019.

4. Semghet it-trattazzjoni orali li saret mill-abbli difensuri tal-partijiet rispettivi quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2019 u qrat it-traskrizzjoni relattiva.

5. Rat li fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2019 il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza

6. Rat u fliet il-bqija tal-atti processwali kollha u kkunsidrat l-provi kollha li gew imressqa quddiemha inkluz provi dokumentarji.

**Ikkunsidrat:**

7. Illi dan il-kaz jitratta artikolu wiehed li gie ppubblikat bi prominenza fuq *The Sunday Times of Malta* (edizzjoni tal-Hadd 18 ta' Marzu 2018) bit-titolu "**Ex-MP gets top pension despite objections"** u li gie ukoll riprodott fuq is-sit elettroniku *timesofmalta.com* fil-11.04am tal-istess gurnata taht titolu kwazi identiku "**Ex-MP gets top pension despite Treasury objections".**

---

[2] Fol 15
[3] Fol. 25 sa 28
[4] Fol. 29 sa 38
[5] Fol. 178 sa 183
[6] Fol. 192 sa 203
[7] Fol. 47 sa 49
[8] Fol. 204 sa 230
[9] Fol. 55 sa 88
[10] Fol. 130 sa 176
[11] Fol. 241 sa 247
[12] Fol. 281 sa 308

*Kap. 579: L-Att dwar il-Midja u l-Malafama*

8. Illi qabel xejn ghall-finijiet ta' precizjoni ghandu jinghad illi fl-14 ta' Mejju 2018, cioe' ftit inqas minn xahrejn wara l-ftuh ta' din il-kawza, dahal fis-sehh permezz tal-Att XI tal-2018 il-Kap. 579 intitolat "l-Att dwar il-Midja u l-Malafama".

9. Illi ghalkemm b'effett mill-14 ta' Mejju 2018 gie imhassar ukoll il-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta madanakollu ai termini tal-Artikolu 25(2) tal-Kap. 579: *"l-Att imħassar, kif fis-seħħ qabel ma jiġi mħassar permezz ta' dan l-Att, għandu jkompli japplika fir-rigward ta' kawżi pendenti fil-qorti fiż-żmien li jitħassar"*. Ghaldaqstant huwa car illi huma d-disposizzjonijiet tal-Kap. 248 (L-Att dwar l-Istampa) li japplikaw ghall-kawza odjerna.

*L-ewwel eccezzjoni: preliminarjament l-liberanza mill-osservanza tal-gudizzju tal-intimat Herman Grech stante illi dan ma' kienx editur registrat taht il-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta.*

10. Illi fl-ewwel eccezzjoni preliminari taghhom l-intimati eccepew li fil-konfront tal-intimat Herman Grech it-talbiet huma insostenibbli stante li huwa ma kitibx l-artikoli mertu ta' din il-kawza, ma ghamel xejn biex dawn jigu ippubblikati f' *The Sunday Times of Malta* u fuq *www.timesofmalta.com* u l-anqas ma kien editur registrat taht il-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta meta l-istess artikoli gew ippubblikati f' dawn il-mezzi u ghalhekk skond l-intimati, fil-konfront tal-intimat Grech it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

11. Illi fit-trattazjoni finali taghhom l-intimati sahqu illi "*Jirrizulta ampjament illi meta giet ippublikat dan l-artikolu Herman Grech kien imsiefer, ma kitbux hu, giet ippublikata fis-Sunday Times, u rrizulta ampjament li awtomatikament dawn jitilghu fuq timesofmalta.com. Irrizulta wkoll illi hu bhala online editor kif qalilna, hu bl-ebda mod ma kien responsabbli ghal publikazzjoni fuq dan is-sit."*. Qalu ukoll illi: *"filwaqt illi f'gazetta fizika hemm ir-responsabilita' biex nghidu hekk legali awtomatika kwazi biex nghidu hekk juris et de jure, fil-kaz tas-sit bhal ma hu timesofmalta.com trid tirrizulta r-responsabbilta' tal-konvenut li hu ghamel xi haga biex din tigi ppublikata hemmhekk, u m'hemmx dubju illi l-persuna responsabbli ghaliha din huwa Ivan Camilleri, imma certament ma jistax ikun Herman Grech"*

12. Illi min-naha tieghu fit-trattazzjoni finali r-rikorrent ikkontenda illi "*Veru illi s-Sur Herman Grech mhux registrat bhala editur imma mhux registrat bhala editur taht www.timesofmalta.com ghaliex proprju kif qaltilna l-ahhar xhud ma jezistix registru ghal online portals, jigifieri edituri t'online portals qatt ma jistghu ikunu responsabbli ghal materjal li jipproducu? Le. Sempliciment ma*

*jezistix registru. Pero Herman Grech gie hawn, kwazi kwazi tista' tghid l-ewwel jew it-tieni dehra, u ntroduca ruhu bhala l-online editor tat-timesofmalta.com. Online editor. Huwa l-editur. Issa jigri x'jigri jekk jigix ippublikat at the back end kif qalilna, bhal ma dejjem jigri, xorta fl-ahhar mill-ahhar huwa l-editur Sur Magistrat. Xi hadd irid ikun responsabbli".*

13. Illi d-definizzjoni ta' "editur" skond l-Artiklu 2 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta *"tfisser il-persuna responsabbli għall-pubblikazzjoni ta' kull stampat u dwar gazzetta jew servizz ta' xandir* ***tinkludi*** *kull persuna li tħares id-disposizzjonijiet tal-artikolu 35"*

14. Illi dan naturalment ifisser illi filwaqt li persuna li tkun registrata bhala editur ta' gazzetta taht id-disposizzjonijiet tal-Artiklu 35 tal-istess Att taqa' taht id-definizzjoni ta' "editur", madanakollu ma' jfissirx illi persuna li ma' tkunx hekk registrata awtomatikament ma' tistax tinstab hatja ta' malafama taht il-Kap. 248. Tant hu hekk illi d-definizzjoni tuza l-kelma "tinkludi" biex ma' thallix barra dawk li m'humiex hekk registrati.

15. Illi kif qalu l-intimati, fil-kaz ta' sit elettroniku galadarba ma' jezisti l-ebda registru formali ta' edituri, trid tirrizulta r-responsabilita' ta' min ikun ippubblika l-artiklu. Ir-rikorrent min-naha tieghu jishaq illi din ir-responsabilita' tohrog mill-fatt illi l-intimat Herman Grech introduca lilu nnifsu bhala "l-online editor" tat-timesofmalta.com.

16. Illi huwa minnu li kif argumenta r-rikorrent, l-imsemmi Herman Grech iddeskriva l-kariga tieghu bhala "*Online editor ta' Times of Malta*"[13] imma dan ma' jsarrafx, b'mod awtomatiku, fir-responsabilita' li ssemmi l-ligi fl-Artiklu 2 tal-Kap. 248. L-istorja kienet tkun differenti li kieku jezisti registru ghal dan il-ghan ghaliex f'dak il-kaz l-editur kien imbaghad jigi meqjus bhala "*responsabbli għall-pubblikazzjoni"*. Kif xehdet Graziana Cassar (ghar-Registratur tal-Istampa) fil-21 ta' Ottubru 2019, Herman Grech ma' kienx registrat bhala editur tal-*online portal* proprju ghaliex ma jezisti ebda' registru ghal edituri ta' *online portals.*

17. Illi l-intimat Grech xehed illi l-istejjer li jidhru fuq is-sit elettroniku tas-Sunday Times of Malta jitilghu *online* skond skeda awtomata mahluqa mill-*backend* li ttella' l-artikoli ftit ftit sa' minn nofsillejl. Jghid illi l-kontroll li huwa ghandu bhala editur tal-*online portal* huwa f'dak li ghandu x'jaqsam l-ahbarijiet li jizviluppaw matul il-gurnata ("*breaking news")* u l-kummenti li jittellghu fuq il-*messageboard*. Jghid li l-anqas ma ghandu kontroll fuq l-opinjonijiet u ittri li jigu

[13] Fol. 25

ppubblikati fuq il-gazzetta (inkluz l-ittra li baghat il-konsulent legali tar-rikorrent tal-25 ta' Marzu 2018) proprju ghaliex dawn jigu *uploaded* b'mod awtomat fuq is-sit in kwistjoni. Izjed minn hekk, fil-gurnata in kwistjoni huwa kien barra l-pajjiz u ghalhekk kontroll fuq ir-reproduzzjoni *online* tal-artiklu zgur ma' kellux[14].

18. Illi l-Qorti ma' taqbilx mal-argument illi wiehed li *ex-admissis* huwa "*online editor*" ma' jkollux kontroll fuq dak li jigi riproducut fuq is-sit elettroniku sempliciment ghaliex l-artikli jitilghu permezz ta' sistema komputerizzata. Certament dan m'huwiex il-kaz fejn jidhol l-*online portal* tat-timesofmalta.com. Tant hu hekk, illi jekk wiehed jifli bir-reqqa l-artiklu in kwistjoni riprodott fuq l-*online portal* u jqabblu ma' dak stampat fuq il-gazzetta jsib illi dawn m'huwiex totalment identici ghal xulxin. Filfatt, it-titolu tal-artiklu kif riprodott fuq is-sit elettroniku jinkludi l-kelma addizzjonali "*Treasury*" li ma' tidhirx fuq it-titolu tar-artiklu ppubblikat fil-gazzetta. L-istess japplika ghall-kliem fis-sub-titolu: *"Philip Sciberras applied when Labour came to power, and was also granted arrears"* li jidhru biss fuq l-*online portal* imma mhux fuq il-gazzetta stampata. Ghall-Qorti dan ifisser illi xi tip ta' interferenza (fis-sens wiesa' tal-kelma) umana ikun hemm sabiex l-artiklu stampat jigi riprodott fuq is-sit elettroniku u hija haga ovvja illi dan l-intervent ma' jsirx minn *website designers* (li wara kollox xogholhom huwa l-aspett tekniku tal-*website*) imma minn nies li xogholhom huwa proprju fl-ufficcju tal-editur.

19. Illi l-anqas ma' tista' taqbel il-Qorti illi ghaliex l-editur inzerta imsiefer dakinhar li deher l-artiklu dan ifisser illi huwa ma' kellux kontroll fuq ir-reproduzzjoni tieghu. Fid-dinja tal-lum, fejn il-komunikazzjoni u x-xoghol jista' jsiru b'mitt elf mezz differenti, fejn imqar dak li jkun jkollu telefon cellulari b'*connection* dicenti sabiex mhux biss jikkontrolla oggett eluf ta' mili 'l boghod minnu imma sahansitra jahsad hesrem il-hajja ta' bniedem b'sempliciment ghafsa ta' buttuna, dan l-argument ftit li xejn jregi. L-istorja kienet forsi tkun kemmxejn differenti li kieku l-intimat Grech ressaq provi konklussivi illi huwa mhux biss kien imsiefer imma sahansitra kien f'impossibilita' illi jikkontrolla dak li qed jigri fuq is-sit elettroniku tat-timesofmalta.com ghaliex perezempju fil-hin in kwistjoni kien fuq titjira twila bejn kontinent u iehor (ghad li anke hawnhekk, it-teknologija tjiebet bizzejjed sabiex tippermetti bniedem li jkun fuq certu linji tal-ajru li jaqbad mal-*internet* anke meta' jkun fl-ajru, billi juza sistema li tahdem bis-satellita). Hu x'inhu, l-intimat Grech strah biss fuq il-fatt li huwa kien imsiefer sabiex jipprova lill-Qorti li hu ma' kienx jaf x'artikli ser jigu mtellghin. Certament f'dan ir-rigward ghalhekk mhux biss ma' ngiebetx l-aqwa prova in

[14] Fol. 25b

sostenn tal-allegazzjoni li kien imsiefer (bhal perezempju biljett tal-ajru), izda *di piu* ma' ngiebet assolutament l-ebda prova li b'daqshekk huwa ma' kienx fil-kontroll ta' dak li qed jitla fuq l-*online portal.*

20. Illi ghaldaqstant il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija qeghda tichad din l-ewwel eccezzjoni.

*It-tieni eccezzjoni: Fil-mertu, l-artiklu jikkonsisti f'rapport veritier u fidil maghmul in buona fede fuq il-posizzjoni tat-Tezor fir-rigward tal-pensjoni tar-rikorrenti bhala ex-membru parlamentari*

21. Illi fil-mertu l-intimati jsostnu illi l-artiklu in kwistjoni jikkonsisti f'fatti veritieri u ghaldaqstant poggew piz konsiderevoli fuqhom billi poggew fuqhom l-oneru li jridu jipprovaw sostanzjalment huma stess l-allegazzjonijiet maghmula minnhom.

22. Illi din id-difiza hija rregolata mill-Artikolu 12 tal-Kap. 248 li fost affarijiet ohra tipprovdi illi l-prova tal-verita' tal-fatti attribwiti hija ammessa biss fil-każ li l-persuna offiża taqa taht wahda jew iktar mill-hames kategoriji elenkati u cioe:

    1. *Tkun uffiċjal jew impjegat pubbliku u l-fatti attribwiti lilha huma dwar l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha; jew*

    2. *Tkun kandidat għal kariga pubblika u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar l-onestà, il-ħila jew il-kompetenza tagħha li tokkupa dik il-kariga; jew*

    3. *Abitwalment teżerċita professjoni, arti jew sengħa, u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar l-eżerċizzju ta' dik il-professjoni, arti jew sengħa; jew*

    4. *Tieħu parti attiva fil-*politika *u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar il-parti li hi tieħu fil-*politika*; jew*

    5. *Jkollha kariga ta' fiduċja fi kwistjoni ta' interess pubbliku ġenerali.*

23. Illi ma' hemmx dubbju illi r-rikorrent jaqa' minn ta' l-inqas taht wahda mill-kategoriji msemmija u ghalhekk din l-eccezzjoni setghet titqajjem fil-konfront tieghu. Jibqa' naturalment l-esercizzju dwar jekk l-intimati rnexxielhomx isostnu din l-hekk imsejjha *exceptio veritatis.*

24. Illi kif inghad mill-awtur celebri John Clement Carpenter Gatley, awtorita' fil-ligi Ingliza fejn tidhol il-ligi tal-malafama (libelli u kalunji):

    ***"Where the defendant pleads justification simpliciter the burden lies on him to prove the truth of the words in their natural and ordinary meaning. A plea of***

***justification means that all the words were true and covers not only the bare statements of facts in the alleged libel but also any imputation which the words in their context may be taken to convey…The defendant will establish his plea if he proves that the gist or sting of the libel is true…"***[15]

25. Illi dwar id-difiża tal-verita' tal-fatti ("plea of justification") il-Prim' Awla tal-Qorti Civili sostiet fis-sentenza fl-ismijiet **Brian Ebejer vs Dennis Degiorgio** (Referenza: 2066/1998/1JRM deciza fid-29 ta' Settembru 2011) li: "***irid jingħad li meta l-parti mħarrka tistrieħ fuq eċċezzjoni bħal dik, titfa' fuqha nnifisha r-responsabbilta' kollha tal-malafama maħluqa bil-pubblikazzjoni li tkun. Fl-istess ħin, tidħol għall-piż li turi kif jixraq li l-fatti msemmija f'tali pubblikazzjoni jkunu sostanzjalment minnhom. Huwa f'dan ir-rigward stabilit li 'in order to succeed upon a plea of justification the onus lies upon the defendant to prove that the whole of the defamatory matter complained of, that is to say the words themselves and any reasonable inference to be drawn from them, are substantially true. ... for the defence to be successful it is not necessary that every 't' should be crossed and every 'i' dotted; it is sufficient if the substance of the libellous statement be justified'"***[16]

26. Illi hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet: **"Professur Alex Torpiano et. pro et noe vs Jose' Herrera"** (ECLI:MT:AINF:2017:104601 deciza fit-30 ta' Jannar 2017), il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) qieset: ***"Illi huwa meqjus li s-suċċess tal-prova ta' din it-"tingiża" tal-libell ma jseħħx biss billi wieħed jallega fatti ġeneriċi jew mhux marbuta mal-kliem użat fil-pubblikazzjoni impunjata, iżda jridu jkunu fatti li jsejsu dak li jkun inkiteb. Il-fatt pruvat irid ikun ġrajja li seħħet u mhux sempliċi stħajjil f'moħħ min ikun fassal il-pubblikazzjoni, ikun kemm ikun konvint li jemmen dak l-istħajjil. 'A writer of libellous matter sometimes seeks to excuse himself by saying that he believed in the truth of the imputation; but this belief – however honest – is wholly irrelevant in regard to deciding upon liability, although such belief may be of value as evidence in mitigation of damages'".***

27. Illi mill-provi harget is-segwenti kronologija ta' kif sehhew l-affarijiet:

    1. **15.07.2013**: **Lino DeBono**, Segretarju tal-Assoċjazzjoni tal-Ex Membri Parlamentari, jibghat *e-mail* lill-membri (sintendi kollha ex-membri parlamentari) sabiex jtihom *update* fuq l-ahhar korrispondenza li kienet ghaddiet bejnu u bejn it-Tezor fir-rigward ta' zieda fil-pensjonijiet li

[15] Gatley on Libel and Slander Sweet and Maxwell (London) 8th ed., paras. 1389-1390, pp. 568-569.

[16] Fil-paragrafu kkwotat, l-Onor Imhallef Joseph R. Micallef kien ikkwota ukoll bran minn *"Carter Ruck Libel and Slander (3rd Edit.) paġ. 86"*

kienu ser igawdu minnha l-istess membri skond ftehim li kien intlahaq precedentement.[17]

2. **16.07.2013**: **<u>Philip Sciberras</u>**, ir-rikorrent, jibghat lura *email* sabiex *inter alia* jinfurmah illi minn kemm kien ilu li spicca mill-Parlament fl-1987 huwa qatt ma' kien ghadu rcieva xi pensjoni.[18]

Ir-rikorrent kien membru parlamentari fir-raba' legislatura bejn l-20.07.1979 u 9.11.1981 meta kien gie' elett kazwalment permezz ta' *by-election* u imbaghad rega' gie elett fil-hames legislatura u cioe' bejn 18.12.1981 u 13.02.1987. Wara dan il-perijodu huwa baqa' jezercita l-professjoni ta' avukat u sussegwentement gie elevat ghall-gudikatura. Fiz-zmien in kwistjoni, l-eta' tal-irtirar ghal membri tal-gudikatura kienet (u ghada) ta' 65 sena mentri l-eta' tal-pensjoni tal-membri parlamentari kienet ta' 61 sena.

Ir-rikorrent ghalaq wiehed u sittin fis-7 ta' Ottubru 2006 u minn dakinhar kien intitolat ghal pensjoni ta' membru parlamentari kif stabbilita taht il-Kap. 280 tal-Ligijiet ta' Malta ("*L-Att dwar il-Pensjoni tal-Membri tal-Parlament*"). Ftit inqas minn seba' snin wara jidher li r-rikorrent stenbah illi huwa kien intitolat ghal din il-pensjoni u dan wara li kien qieghed jitkellem mal-mibki Magistrat Joe Cassar, li bhar-rikorrent kien ukoll Membru Parlamentari qabel ma' gie elevat ghall-gudikatura. Fi kliem ir-rikorrent stess, dan id-dewmien kien dovut ghall-fatt illi huwa ttraskura minhabba li kien mehdi hafna fuq ix-xoghol tieghu.[19]

Il-Qorti tinnota li dan l-ittraskurar fuq affarijiet ta' natura finanzjarja estenda ghal affarijiet ohra, u cioe', kemm fir-rigward ta' rifuzjonijiet ta' spejjez li kien intitolat ghalihom (xi haga li r-rikorrent anke alluda ghaliha fl-*email* fuq imsemmija li baghat lil Lino DeBono) u kif ukoll fir-rigward tal-pensjoni ta' gudikant:

"*la qatt ircevejt xi forma ta' pensjoni u rari hafna wkoll li qatt irrifondewni tat-telephone jew xi hlasijiet ohra", ghax dawk kienu jiehdu l-perkacci u jiena la qatt nghid il-verita` la qatt tlabthom, la qatt insistejt ghalihom, la tat-telephone, la ta' safar u lanqas x`jismu ghax dawk kienu jithallsu l-ex membri Parlamentari, jigifieri certu nefqiet up to a certain amount kienu jithallsu taghhom. Jiena ma kontx ninsisti ghalihom u l-*

[17] Fol 231
[18] Fol 235
[19] Fol 242

*mara kienet tghajjarni tghidli imma nsomma halliha. Tant ghaliex kien jaqalawli diffikultajiet tant ghaliex dejjem jiena mehdi f`xogholi mbaghad ninsa, mbaghad ninsa*"[20]

"*…nista' nghidlek issa, jien anke l-pensjoni ta' gudikant, li kieku ma kienx hawn Magistrat sedenti li attire l-attenzjoni biex immur niffirma, ukoll ma kontx immur niffirma u ma kontx nohodha. Fil-fatt hadtha b'lura u bl-arretrati.*"[21]

3. **17.07.2013**: Lino DeBono iwiegeb lura lir-rikorrent permezz ta' *email* u fost affarijiet ohra jghidlu illi: *"Rigward il-Penzjoni ghalkemm kien hemm ftehim verbalment ma kullhadd il-proposta taghna ghadha ma gietx implimentatha. Zgur li ser inkomplu ninsistu dwar din. lt-talba taghna hija li meta jasal l-eta' tal-penzjoni kull min kien ghamel legislatura jiehu penzjoni shiha. Hemm hafna ex Membri Parlamentari Ii m'ghandhomx din il-penzjoni jew ghax ghamlu legislatura wahda, jew ghax kienu qabel 1-1979 jew ghax z-zmien taghhom fil-Parlament kien fl-eta ta' l-fuq minn 65 sena (allura dan iz-zmien ma jigix ikkalkulat)".*

Hawnhekk Lino DeBono kien qieghed jirreferi ghall-proposta li kienet qed timbotta 'l quddiem l-Assocjazzjoni fis-sens illi jsiru l-emendi necessarji fil-Kap. 280 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex kull Membru Parlamentari li jkun ghamel imqar legislatura wahda jkun intitolat ghall-pensjoni. Il-posizzjoni legali dak iz-zmien kienet u ghada sal-lum illi Membru Parlamentari jkun intitolat ghall-pensjoni basta jkun tal-inqas total ta' hamsa u sittin xahar fuq zewg legislaturi. Mill-provi hareg li sussegwentement, fl-2018, kienet qamet kontroversja fil-pajjiz dwar din il-proposta (li eventwalment kienet anke pprocediet sa' abbozz ta' ligi[22]) tant li l-Gvern imbaghad skartaha ghall-kollox.

Irrispettivament minn dan kollu pero lir-rikorrenti kien gibidlu l-attenzjoni l-imsemmi Magistrat Joe Cassar illi huwa kien intitolat ghal din il-pensjoni ghaliex huwa kien filfatt serva ghal iktar minn hamsa u sittin xahar fuq medda ta' zewg legislaturi. Jidher li anke l-istess Magistrat avvicina lil Lino DeBono sabiex jinfurmah b'dan (jew qabel jew wara l-iskambju ta' *emails* bejn Lino DeBono u r-rikorrent) u dan min-naha tieghu mhux biss qabel izda wera staghgib kif ir-rikorrent ma' kienx ghadu ha din il-pensjoni:

[20] Fol 242
[21] Fol 62
[22] Fol 39

*"... il-Magistrat Joe Cassar ... cempilli ... U dan qed jghidli illi hemm kaz ta' Dr Sciberras li ma hax il-pensjoni tal-Parlament. Ghidtlu kif jista' jkun? Ghidtlu li ma hax il-pensjoni. Ghidtlu Dr Sciberras ghamel iktar minn 5 snin u 5 xhur. Issa l-kwistjoni ma gietx Dr Sciberras biss, il-kwistjoni hija l-membri l-ohra kollha illi jekk ahna naccettaw din il-bicca xoghol bhala kumitat, konna ha naccettaw illi membri ohra fil-passat jew fil-futur ha jigu bl-istess sistema. Issa jiena fil-kumitat kont qajjimtha."*[23]

4. **29.10.2013 – 04.12.2013**: Fil-frattemp Lino DeBono jaghmel kuntatt mal-*Accounts Section* tal-Kamra tar-Rapprezentanti sabiex jitlobhom rendikont tas-servizz ossia' granet li kienet ghamel ir-rikorrent bhala Membru Parlamentari. Appena dawn gew lura bir-risposta, l-istess DeBono ghamel kuntatt ma' **Joe Galea** (min-naha tad-Dipartiment tat-Tezor) biex jinfurmah li r-rikorrent kien ghamel izjed minn hames snin u hames xhur (ossia hamsa u sittin xahar) bhala Membru Parlamentari u ghaldaqstant kien intitolat ghall-pensjoni. Huwa ghalhekk talbu biex id-Dipartiment jivverifika dan il-punt.[24] Jidher illi sadanittant min-naha tat-Tezor infurmaw lil Lino DeBono illi tezisti xi ligi li ghall-finijiet tal-komputazzjoni tal-perjodu tas-servizz tipprojbixxi li jittiehed in konsiderazzjoni l-perjodu li Membru Parlamentari jkun ghamel fil-Parlament f'legislatura li jkun gie elett fiha permezz ta' elezzjoni kazwali (minflok wara Elezzjoni Generali) u l-perjodu bejn it-tmiem ta' dik il-legislatura u l-bidu tal-legislatura sussegwenti li fiha l-membru jkun gie ri-elett. Lino DeBono talab li tigi kkwotata lilu din il-ligi izda baqa' bla risposta tant illi baghat zewg *emails* f'dan ir-rigward lil Noel Camilleri, dak iz-zmien *Accountant General*.[25]

5. **16.12.2013**: Joe Galea (Dipartiment tat-Tezor) jinforma lil Lino DeBono permezz ta' *email* illi d-Dipartiment kien qieghed jistrieh fuq *memo* li kien inhareg mill-Ispeaker tal-Kamra fl-14 ta' Marzu 1990, li dejjem skond Joe Galea, kien isostni l-posizzjoni tad-Dipartiment li r-rikorrent ma' kienx intitolat ghall-pensjoni. Inoltre huwa informa lil Lino DeBono li d-Dipartiment kien sejjer jiehu parir mill-Ufficcju tal-Avukat Generali.

   Il-parti relevanti tal-*memo* in kwistjoni[26] (l-ahhar sentenza) tistipula illi Membru tal-Parlament (illi jkun serva f'legislatura wahda) illi ma' jigix

[23] Fol 206
[24] Fol 103-104
[25] Fol 103
[26] Fol 107-108

ri-elett fl-Elezzjoni Generali sussegwenti izda jigi ri-elett biss permezz ta' Bye-Election (anke immedjatament wara l-Elezzjoni Generali) ma' jkunx intitolat ghall-pensjoni. Il-Qorti rat id-definizzjoni ta' "servizz" taht il-Kap. 280 tal-Ligijiet ta' Malta (li fost ohrajn jistipula illi dan ifisser servizz moghti minn membru li *"jkun spicca minn membru max-xoljiment tal-Parlament u li jerga' jigi elett bhala membru fl-ewwel elezzjoni generali wara dak ix-xoljiment"*) u ssib li l-parti relevanti fil-*memo* fuq imsemmi jikkombaca perfettament ma' dak li tghid il-ligi li filwaqt li ma' tispecifikax kif membru ikun sar Membru Parlamentari fl-ewwel legislatura tieghu (i.e. jekk ikunx tela permezz ta' elezzjoni kazwali jew wara Elezzjoni Generali), taghmilha cara illi fil-legislatura sussegwenti huwa jrid jkun tela' direttament permezz ta' Elezzjoni Generali.

F'dan ir-rigward hareg ukoll mix-xhiedha illi skond Noel Camilleri (Accountant General dak iz-zmien) huwa ma' kienx jaqbel illi l-*Memo* imsemmi kien jaghti sostenn lill-posizzjoni tad-Dipartiment izda fl-istess hin peress li ma' xtaqx li jkun f'konflitt ma' ta' tahtu (cioe' Joe Galea) u peress ukoll illi ma' xtaqx li jkollu lil xi hadd tahtu li ma' jkunx konvint, qablu internament illi Joe Galea f'isem id-Dipartiment jitlob ghall-parir mill-Avukat Generali.[27]

Jidher pero illi Joe Galea baqa' ma' ghamel xejn f'dan ir-rigward[28] tant illi biex ikun hemm zblokk kienu saru sensiela ta' laqghat bl-involviment tal-Ufficcju tal-Ispeaker, l-Assocjazzjoni u l-Ufficjal tal-Finanzi tal-Parlament. Ghalkemm min-naha tal-Parlament kien hemm qbil illi r-rikorrent kien intitolat ghall-pensjoni skond il-ligi, it-Tezor baqa' jzomm ferm il-posizzjoni tieghu.

6. **26.06.2014:** Kien ghalhekk illi min-naha tal-Parlament sar kuntatt mal-ufficcju tal-Avukat Generali b'rikjesta ghal parir legali fuq din il-kwistjoni.[29]

7. **14.08.2014**: Ftit zmien wara, Dr. Donatella Frendo Dimech (illum Magistrat) mill-ufficcju tal-Avukat Generali tibghat konferma bil-miktub lill-Parlament illi r-rikorrent kien eligibbli ghall-pensjoni u li dan kien in konformita' mal-ligi. Fl-istess gurnata, il-Parlament ghadda din il-posizzjoni ufficjali tal-Avukat Generali lid-Dipartiment tat-Tezor (Joe

[27] Fol 63
[28] Fol 82
[29] Fol 91

Galea)[30]. Fl-istess gurnata ukoll Lino DeBono informa b'dan kollu lir-rikorrent[31].

8. **11.09.2014:** F'laqgha tal-membri tal-Assocjazzjoni, dawn jigu *inter alia* infurmati bl-ezitu ta' din it-tilwima mat-Tezor.[32]

9. **17.09.2014**: Ir-rikorrent jinfurma b'mod formali mid-Dipartiment tat-Tezor illi b'sehh mis-7 ta' Ottubru 2006 kienet giet approvata lilu l-pensjoni bhala ex-Membru Parlamentari. Sussegwentement ir-rikorrent thallas ukoll l-arretrati.

10. **10.07.2017:** Kwazi tlett snin wara, fil-Parlament jsir l-ewwel qari tal-abboz ta' ligi msejjah *"Att biex jemenda diversi ligijiet li jirrigwardaw ir-riforma dwar il-pensjonijiet"*. Dan l-abbozz wasal wara snin ta' hidma f'dan ir-rigward mill-Assocjazzjoni tal-Ex-Membri Parlamentari.[33]

11. **Marzu 2018:** Il-Gvern jiddeciedi li ma' jkomplix ghaddej bid-diskussjonijiet fuq l-abbozz wara li l-Opposizzjoni rtirat l-appogg inizjali taghha. Il-ligi (Kap. 280) baqghet kif inhi. Naturalment, il-posizzjoni tal-pensjoni tar-rikorrent ma' gietx mittiefsa galadarba din qatt ma' kienet tiddependi fuq xi bidla fil-ligi.

12. **18.03.2018:** Jigi ppubblikat fuq is-Sunday Times of Malta u fuq is-sit elettroniku *www.timesofmalta.com* l-artiklu lamentat u li gie miktub mill-intimat Ivan Camilleri. Skond l-intimat huwa kiteb dan l-artiklu fl-iskond tal-kontroversja ricenti fuq il-pensjonijiet tal-ex-membri parlamentari u bbaza r-ricerka tieghu fuq il-minuti tal-laqgha tal-assocjazzjoni li saret fil-11 ta' Settembru 2014. L-istorja tqanqal reazzjoni fost il-pubbliku b'tal-inqas mija u tletin qarrej ihallu l-kummenti taghhom fuq il-*messageboard* taht l-artiklu in kwistjoni fuq is-sit *www.timesofmalta.com.*

13. **19.03.2018:** It-Times of Malta jirrapporta li l-Alternattiva Demokratika ghamlet sejha pubblika lill-Awditur Generali sabiex dan jinvestiga kif ir-rikorrent gie moghti l-pensjoni parlamentari kontra l-oggezzjonijiet tat-Tezor. L-istess partit politiku jiddeskrivi l-kaz bhala kaz serju ta' indhil politiku, ksur ta' ligi u diskriminazzjoni kbira.

[30] Fol 112
[31] Fol 237
[32] Fol 44
[33] Fol 39

14. **25.03.2018**: Fuq is-Sunday Times of Malta (u kif ukoll fuq is-sit elettroniku taghha) tigi ppubblikata ir-*right of reply* mill-avukat tar-rikorrent.[34]

15. **26.03.2018**: Tinfetah il-kawza odjerna

16. **Gunju 2018:** Ftit xhur biss wara, l-Awditur Generali jippubblika r-rapport tieghu intitolat: "*A Review of the Pension due to a former Member of Parliament"*. Fost il-konkluzjonijiet tieghu jinghad illi: *"Based on the review undertaken, the NAO is of the opinion that the granting of a parliamentary pension to the former MP was regular and justified...Furthermore with regard to the alleged political interference, the NAO reviewed all documentation made available and did not identify any inconsistency in the treatment of this case or external pressure that could be construed as political interference for the former MP to obtain his pension."*[35]

28. Illi r-rikorrent hassu mmalafamat bl-artikolu kemm b'dak li seta jinferixxi il-qarrej ta' intelligenza ordinarja meta jaqrah fit-totalita' tieghu (ghal ragunijiet li ser jigu spjegati 'l quddiem) u kif ukoll, b'mod specifiku, b'numru ta' partijiet fl-istess artikolu li skond ir-rikorrenti apparti li huma inkorretti jew inveritieri huma ukoll libelluzi b'mod illi giet attakkata l-integrita', l-unur u r-reputazzjoni personali tieghu u gie espost ghar-redikolu u ghad-disprezz pubbliku.

29. Illi l-partijiet mill-artikolu li skond ir-rikorrenti huma malafamanti huma s-segwenti:

1. "*Former Labour MP Philip Sciberras was granted a <u>privileged pension</u> reserved for MPs despite the Treasury objecting that he had not served in Parliament for the required period of time.*"

   Hawnhekk ir-rikorrent hassu malafamat bil-kliem "*privileged pension*" li skond hu kienu jfissru li hu gie b'xi mod privileggjat mill-Gvern.[36] Min-naha taghhom l-intimati sostnew illi l-artikolist kien qieghed jirreferi ghall-pensjoni bhala privileggjata (fis-sens li huma intitolati biss ghalija kategorija ta' nies, ossia' l-Membri Parlamentari) u mhux ghar-rikorrent bhala privileggjat.[37]

---

[34] Fol 16, 17
[35] Fol 277
[36] Fol 296
[37] Fol 316

Il-Qorti ma' tara xejn skorrett, malafamanti jew ingurjuz fl-uzu ta' din il-frazi. Madanakollu, kif sejjer jinghad iktar 'l quddiem, din il-frazi trid tittiehed in konsiderazzjoni meta wiehed jifli u jqis il-gist, l-*innuendo* u dak li l-artikolist ried li l-qarrej jifhem b'dan l-artiklu, imqar "*between the lines".*

2. *"In 2013, soon after Labour was returned to power, Dr Sciberras* *__applied__* *to receive a pension under the Members of Parliament Pensions Act."*

Hawnhekk ir-rikorrent joggezzjona ghall-kliem "applied" ghaliex skond hu qatt ma' applika personalment sabiex jiehu xi pensjoni taht l-Att in kwistjoni.[38]

Mill-provi hareg illi applikazzjoni formali sabiex wiehed jiehu l-pensjoni in kwistjoni ma' ssirx mill-applikant u filfatt f'dan il-kaz ma' saret l-ebda applikazzjoni mir-rikorrent. Minflok, bhala prassi malli jirtira Membru Parlamentari, il-Parlament jibghat lit-Tezor rendikont tal-perjodu ta' servizz li jkun ghamel il-membru fil-Parlament sabiex b'hekk id-Dipartiment jikkalkula l-ammont dovut lill-membru.[39]

Kif xehed ir-rikorrent:

*"Imhallef Emeritus Dr Philip Sciberras: Jiena ghamiltha cara li kuntrarjament ghal dak li hemm dettat f'dak l-artikolu jiena m'applikajt xejn. Jiena tlabt l-assistenza tal-assocjazzjoni wara li kien kellimni l-Magistrat Peppino Cassar biex jara jekk jiena … jien tlabtu biex jara jekk jiena kontx intitolat ghall-pensjoni.*

*Dr Stefan L. Frendo: Iva, iva all right.*

*Magistrat: Mela, Dr Sciberras u lanqas applika xi haddiehor ghan-nom tieghek.*

*Imhallef Emeritus Dr Philip Sciberras: Jiena ma applikajt assolutament xejn u lanqas haddiehor. Dak kollox mexa tramite l-assocjazzjoni, l-iSpeaker u l-AG…Tal-Gudikatura applikajt sena wara li dahlet in vigore, dak iva ghax baghat ghalija r-Registratur biex immur niffirmalu biex jghidli li ser inaqqsuli minn dik il-pensjoni allura kelli mmur niffirma u fil-fatt qed nircievi mitejn u tletin ewro (€230) inqas milli suppost. Ghal din qatt ma applikajt, lanqas biss, lanqas biss qatt ghaddieli minn rasi li kont intitolat, qed nghidlek, lanqas il-perkacci jien qatt ma tlabt"*[40]

---

[38] Fol 298

[39] Ara f'dan is-sens ix-xhiedha ta' Noel Camilleri (fol 55 *et. seq.)* u ta' Joe Galia (fol 133)

[40] Fol 298

Lanqas ma jirrizulta ghalhekk, kif pruvaw jaghtu x'jifhmu l-intimati matul il-kawza, illi l-Assocjazzjoni kienet applikat hi ghan-nom tar-rikorrent. Li gara huwa illi malli rceviet l-informazzjoni necessarja, l-Assocjazzjoni bdiet process sabiex l-kaz tar-rikorrenti jigi diskuss mat-Tezor. Fi kliem is-Segretarju taghha stess, l-Assocjazzjoni kellha kull interess li taghmel dan anke ghaliex ma' ridietx li jinholoq xi precedent li minnu jbatu membri ohra fil-futur.

Ghalkemm l-artikolist kien skorrett meta kiteb illi r-rikorrent kien applika ghall-pensjoni in kwistjoni, il-Qorti ghal darb' ohra ma' tara xejn malafamanti jew ingurjuz fl-uzu ta' din il-frazi apparti pero min dak li diga nghad, u cioe' illi anke din il-frazi trid tittiehed in konsiderazzjoni meta wiehed janalizza l-portata tal-artiklu b'mod generali.

3. *"The Treasury did not accept <u>the argument made by Dr Sciberras</u> that he qualified because of his stint as an MP from 1979 to 1981."*

B'mod simili ghall-bran precedenti, hawnhekk ir-rikorrent joggezzjona ghall-fatt illi skond hu huwa personalment m'ghamel l-ebda rapprezentazzjonijiet mat-Tezor u wisq anqas ippartecipa f'xi argumenti maghhom. [41]

Mill-provi rrizulta b'mod car illi l-involviment dirett tar-rikorrent f'din il-kwistjoni kienet wahda minima ghall-ahhar. Filfatt, oltre mill-*email* inizjali mibghuta lil Lino DeBono u oltre mill-fatt illi dan tal-ahhar gieli kien ikkupjah b'xi korrispondenza li tkun intbaghtet fuq minnu fuq din il-kwistjoni, ma' jidhirx li r-rikorrent qatt kien involut personalment fid-diskussjonijiet mal-Kamra tar-Rapprezentanti, mat-Tezor jew mal-Ufficcju tal-Avukat Generali. Ghal darb' ohra ghalkemm m'hemm xejn direttament ingurjuz f'dan il-bran, il-Qorti sejra tiehdu in konsiderazzjoni ghall-finijiet tal-analizi holistika tal-artiklu.

4. "*The Treasury stuck to its objection during a meeting held at the Speaker's office in 2014, according to sources. <u>However, the government overruled the Treasury and ordered it</u> to issue Dr Sciberras with an MP's pension."*

Hawnhekk ir-rikorrent jishaq li ma' kien hemm l-ebda "overruling" mill-Gvern izda sempliciment parir legali mill-Avukat Generali dwar il-kwistjoni.[42] Inoltre ma' kien hemm l-ebda indhil politiku mill-Gvern sabiex it-Tezor jigi "ordnat" jaghti l-pensjoni lir-rikorrent.

---

[41] Fol 302-303
[42] Fol 304

Mill-provi johrog car illi dak li gie rrapurtat bhala "overruling" kien filfatt xejn izjed minn konferma mahruga permezz ta' parir legali mill-ufficcju tal-Avukat Generali illi l-posizzjoni tal-Assocjazzjoni kienet korretta mentri dik ta' Joe Galea (Dipartiment tat-Tezor) ma' kienetx tregi. Kif diga inghad anke internament fid-Dipartiment il-posizzjoni mhux mistqarra, tal-inqas minn fuq nett, kienet illi r-rikorrent kien intitolat ghall-pensjoni. Effettivament kien hemm bniedem wiehed biss f'din il-vicenda kollha (cioe' Joe Galea) illi interpreta l-*memo* mahrug fl-1990 b'mod skorrett u ghaldaqstant l-Avukat Generali m'ghamel xejn partikolari hlief illi kkonferma dak li mad-daqqa t'ghajn, anke ghal bniedem li m'ghandux *background* legali, jidher ovvju.

Anke hawnhekk pero ghalkemm l-informazzjoni moghtija mill-artikolist kienet wahda skorretta, il-Qorti ma' tarax kif mehud wahdu (*"in isolation"*) dan il-bran jingurja jew jimmalafama lir-rikorrenti. Mhux l-istess jista' jinghad pero ghal dak li jikkontribwixxi dan il-bran ghall-gist tal-artiklu, kif sejjer inghad 'l quddiem.

5. *"Sources close to the Treasury told The Sunday Times of Malta that it was obvious that <u>pressure was brought to bear</u> so that the special pension could be issued."*

Ir-rikorrent hassu mmalafamat b'dan il-bran ghaliex skond hu ma' kienet saret l-ebda pressjoni sabiex tinhariglu l-pensjoni in kwistjoni la minnu u lanqas minn hadd.[43]

F'dan ir-rigward hareg bla ebda dubbju illi verament ma' kien hemm l-ebda pressjoni sabiex it-Tezor jibdel il-fehma tieghu. Lino DeBono kien enfatiku ghal diversi drabi fuq dan il-punt:

*"Dr Philip Sciberras: Issa haga ohra. Tal-ahhar jekk joghgbok. Halli nippruvaw naghlqu hawn. Hemm ... il-kwistjoni tieghi ... il-process hadtu kollu f'idejk? Jien qatt indhalt f'xi meetings? F'xi laqghat?*
*Ix-Xhud: Qatt qatt. Qatt ... qatt ... qatt.*

*Dr Philip Sciberras: Il-kwistjoni mexxejtha inti mill-bidu sal-ahhar?*

*Ix-Xhud: Ezatt. Mija fil mija."*[44]

Daqstant iehor car kien Joe Galea, l-unika persuna li kien kontra li tinhareg il-pensjoni lir-rikorrent:

---

[43] Fol 289
[44] Fol 227

*"Dr Philip Sciberras: Kien hemm ... kien hemm matul dan iz-zmien kollu, kien hemm qatt xi hadd li uza xi pressjoni fuqek?*

*Ix-Xhud: Qatt.*

*Dr Philip Sciberras: Jien qatt ikkomunikajt mieghek?*

*Ix-Xhud: Qatt.*

*Dr Philip Sciberras: Lanqas biss kont nafek.*

*Ix-Xhud: Lanqas jien."*[45]

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak li skond l-artikolist Ivan Camilleri jew l-avukat tieghu kien jammonta ghal *"pressjoni"* fil-kuntest ta' dan il-bran:

*"Ix-Xhud: Nassumi li s-Sur Lino Debono li issa probabbli jigi jixhed ghamel ... eh nahseb li ... dak il-fatt li hu kien qieghed jidher f'isem Dr Sciberras ... pressjoni dik hux ... ma nahsibx kien qed jitkellem hekk in arja. Normalment ... ma nafx ta' ... normalment deputat parlamentari emm ... hija xi haga awtomatika li jiehu pensjoni, ma jdumx hafna jistenna biex johodha."*[46]

*"Ix-Xhud: Intqal lili riflessjoni ta' x'hemm fl-artiklu Sur Avukat illi meta persuna tkun intitolata ghal pensjoni wiehed jistaghgeb illi din ma tindunax li tkun intitolata ghal pensjoni imma mbaghad tinduna tlett snin wara. Igifieri jien ma nafx… il-mama tieghi tiehu pensjoni, ma qaghditx tistenna tlett snin biex tohodha. L-ewwel nett hija xi haga awtomatika li tohodha l-pensjoni u ladarba allura din il-pensjoni ma ttiehditx kien hemm bzonn li jkun hemm intervent biex din il-pensjoni tohrog. U hekk sar. U rrapurtajna li kien hemm dan l-intervent.*

*Dr Stefan Frendo: U dan il-pressure li qed tghid hux…*
*Ix-Xhud: Mhux ovvja."*[47]

*"Dr Stefan Frendo: ... Din is-Sur Imhallef dejqitu naqra mhux hazin, ghax qal isma jien xi pressure ghamilt skuzi ta? U jiena nghidlu Sur Imhallef, jirrizulta mill-minuti stess il-pressjoni kollha li saret u jekk*

[45] Fol 170
[46] Fol 198
[47] Fol 7

*wiehed anki jara l-process fejn gew esebiti l-file, l-atti etc etc, il-Qorti ssib illi minn fol 89 jekk niftakar sew, imma rrid nivverifika, minn fol 89..*

*Imhallef : Inti qed tirreferi ghad-dokumenti li esebixxa x-xhud Noel Camilleri?*

*Dr Stefan Frendo: Iva. Hawn hi. Minn fol 89 sa fol 118 hemm korrispondenza voluminuza fejn kien qed isir il-kaz, qed jigi sottomess il-kaz biex din l-imbierka pensjoni tohrog. Issa biex xi hadd jigi jghidli li din mhix pressjoni nahseb li qeghdin nidqu bina nfusna. Hemm pressjoni u hemm pressjoni. Hemm pressjoni li nistghu nghidula legittima u hemm pressjoni li ma tistax tghidilha legittima. Ahna l-artikolu bl-ebda mod ma qal dan isma dan saret pressjoni gew mhedda n-nies jew dan, xejn. Anqas xejn minn dan kollu. Saret pressjoni, sar argumentazzjoni shiha biex tohrog din il-pensjoni. Allura frankament bir-rispett kollu jien ma nistax nifhem ghaliex qeghdin nohduha daqshekk bi kbira"*[48]

Il-Qorti hawnhekk ma' tistax tikkondividi la l-assunzjonijiet gratwiti maghmulha mill-intimat Camilleri u lanqas ir-ragunament skorrett tal-avukat tieghu illi l-pressjoni li ghamel riferenza ghaliha l-artikolist kienet xi forma ta' pressjoni "legittima". Huwa bil-wisq car illi dak li l-artikolist kien qed jalludi ghalih fl-artiklu kienet pressjoni ingusta u barra minn lokha li r-rikorrent jew xi hadd ghar-rikorrent allegatament ghamel fuq id-Dipartiment tat-Tezor sabiex ibiddel il-posizzjoni tieghu. Dan ma' jirrizultax li gara mill-provi. Anzi, jirrizulta bil-maqlub u cioe' ill l-ebda forma ta' pressjoni ma' giet asserita minn hadd u fuq hadd. It-tul ta' zmien li hadu d-diskussjonijiet u laqghat bejn il-partijiet koncernati qabel ma' hareg il-parir legali mill-Ufficcju tal-Avukat Generali huwa fih innifsu ukoll prova ta' kemm ma' kien hemm l-ebda pressjoni sabiex xi hadd ibiddel il-posizzjoni tieghu. Daqstant iehor huwa turija li ma' kienx hemm pressjoni f'dan il-kaz il-fatt illi allavolja l-Accountant General ta' dak iz-zmien ma' kienx qed jaqbel mal-posizzjoni tas-suddit tieghu (li r-rikorrent ma' kienx intitolat ghall-pensjoni), dan minflok ma' impona l-fehma tieghu fuqu heggu sabiex jiehu parir legali mill-Avukat Generali!

Kuntrarjament ghall-brani precedenti il-Qorti tqis li dan il-bran partikulari huwa minnu nnifsu ingurjuz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti. Inoltre' galadarba huwa skorrett ma' jista' qatt jitqies bhala bazi ghal kumment gust kif ser jinghad izjed 'l quddiem.

6. *"Treasury officials could not understand why <u>the retired judge had waited until Labour was returned to power to make his claim</u> when, if he*

[48] Fol 320

*was entitled to an MP's pension, it would have come into effect in 2010 when he turned 65 and retired from the bench."*

Ir-rikorrent hassu ngurjat b'dawn il-kliem ghaliex jaghtu x'jifhem b'mod car illi r-rikorrent abbuza mill-fatt illi kien tela Gvern Laburista fl-2013 billi minflok ma' applika ghall-pensjoni meta seta' kien intitolat ghaliha (skond l-artikolist, fl-2010) huwa stenna ftit snin sakemm jitla' l-Partit Laburista fil-Gvern u dan sabiex jigi moqdi ingustament. Ir-rikorrenti hassu ukoll ingurjat ghal darb'ohra ghaliex skond hu ma' ghamel l-ebda *claim* jew applikazzjoni personalment.[49]

Mill-provi rrizulta illi t-tul ta' zmien li ha r-rikorrent sabiex jistenbah li huwa kien filfatt intitolat ghall-pensjoni ta' ex-membru parlamentari kien dovut biss ghal fatt illi huwa gie mgharraf b'dan minn kollega tieghu. Inoltre' huwa kien mghobbi b'xoghol iehor relatat mal-gudikatura u ftit ta' importanza ghal dawn l-affarijiet qabel ma' kienu lahqu ghaddew is-snin.

Il-Qorti ssib li anke dan il-bran huwa direttament ingurjuz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrent mhux l-anqas ghaliex minghajr hafna tigbid tal-immaginazzjoni jissuggerixxi b'mod car illi r-rikorrent ghad jistenna t-tibdil fl-amministrazzjoni sabiex jsib Gvern li jagevolah.

7. *"Apart from ordering the issue of an MP's pension in 2014, <u>the government also instructed</u> that Dr Sciberras be paid thousands of euros in arrears to cover the period when he would have been receiving the pension."*

Ir-rikorrent hawnhekk hassu ngurjat bit-ton tal-kliem uzat li skond hu jaghti x'jifhem illi l-Gvern hareg barra minn triqtu sabiex jaghtih il-pensjoni *ex-gratia* u l-arretrati b'lura, sempliciment ghaliex kien inbidel il-Gvern.[50]

Kif diga nghad, ir-rikorrent kien intitolat ghall-pensjoni in kwistjoni u l-parir tal-Avukat Generali f'dan ir-rigward ma' kien xejn hlief konferma ta' dak li anke mad-daqqa t'ghajn kien jidher logiku u ovvju. Stabbilita darba ghal dejjem din il-posizzjoni, id-Dipartiment tat-Tezor ma' kellux alternattiva hlief illi jhallas b'lura dawk l-ammonti t'arretrati li r-rikorrent kien intitolat ghalihom sa' mid-data tal-irtirar tieghu. Decizjoni bhal din

[49] Fol 305
[50] Fol 306

ittiehdet mit-Tezor bhala konsegwenza naturali tal-parir moghti mill-Avukat Generali u mhux b'rizultat ta' xi struzzjoni moghtija mill-Gvern. Madanakollu dan il-bran mehud in izolament, ghalkemm skorrett, ma' jistax' jitqies bhala li huwa malafamanti jew ingurjuz fil-konfront tar-rikorrent.

30. Illi wara li kkunsidrat il-partijiet specifici mill-artiklu li lmenta minnhom ir-rikorrent, il-Qorti issa sejra tghaddi ghal kunsiderazzjoni tal-artiklu shih u sewwasew ghal dak li seta jinferixxi il-qarrej ta' intelligenza ordinarja meta jaqrah fit-totalita' tieghu.

31. Illi fuq dan l-aspett l-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghid il-Gatley u cioe' illi dak li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni huwa dak li qarrej ordinarju jifhem meta jara l-artikolu fil-kuntest li huwa jinstab:

*"While some indication, express or implied, of what underlies the alleged comment is necessary the ultimate question on whether the words are comment or fact is how they would strike the ordinary, reasonable reader and it is unlikely that any attempt to formulate general principles of construction will be of much help, especially bearing in mind that any particular statement must be taken in the context of the piece as a whole…*

*Context: Words must always be read in their context and the context of the piece as a whole may point to the conclusion that words which could, taken literally, be statement of fact are comment."*[51]

32. Illi gie stabbilit ukoll fil-gurisprudenza nostrana[52] u anke dik Ingliza illi biex wiehed jiddetermina jekk kliem humiex malafamanti jew le wiehed ghandu japplika t-test tal-bniedem ragjonevoli dotat b'intelligenza ordinarja. Fi kliem Lord Reid fil-kawza **Lewis v. Daily Telegraph**[53]:

*"What the ordinary man would infer without special knowledge has generally been called the natural and ordinary meaning of words. But that expression is rather misleading in that it conceals the fact that there are two elements in it. Sometimes it is not necessary to go beyond the words themselves, as where the claimant has been called a thief and a murderer. But more often the sting is not*

[51] Gatley on Libel and Slander (11th edition), (2008), The Common Law Library, ed. Milton P et. al., para.12.10-12.11, p. 346

[52] Ara per ezempju **L-Avukat Dottor Louis Galea v. Frans Ghirxi** (Rif Nru 947/1997/2 deciza fid-19 ta' April 2005)

[53] [1964] A.C. 234, 258.

*so much in the words themselves as in what the ordinary man will infer from them, and that is also regarded as part of their natural and ordinary meaning.*

33. Illi inoltre, dak li jista' jiftiehem mill-qarrej ordinarju m'huwiex biss dak kommunikat permess ta' kliem esplicitu izda ukoll permess ta' 'innuendo". Il-Qrati taghna dahlu diversi drabi fuq dan il-punt. Issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"G. Strickland vs Goffredo Chretien"** (A.C. 12 ta' Frar 1937, XXIX.I.859) fejn l-kuncett ta' "innuendo" gie imfisser hekk:-

    *"Il-kelma 'innuendo' tfisser is-sens li l-persuna ingurjata tirrevoka mill-kitba nkriminata u li hija trid li tigi milqugh mill-gudikant".*

34. Illi l-abbli difensur tal-intimati ssottometta li l-kuntest tal-artikolu kien dibattitu politiku li kien ghaddej dak iz-zmien fuq pensjonijiet ta' membri parlamentari u abbozz ta' Ligi li gie ipprezentat l-Parlament u li gie sussegwentement irtirat. Il-Qorti tikkunsidra li l-artikolu jmur ferm oltre minn dan. Ir-rikorrent huwa identifikat b'ismu u permezz ta' ritratti u anke jekk is-spunt kien id-dibattu politiku t-test tal-artikolu kien principalment fuq ir-rikorrent tant li l-artikolu jaghmel riferenza kontinwa u esplicita ghalih u jibda bil-kliem "*Former Labour MP Philip Sciberras was granted a privileged pension reserved for MPs despite the Treasury objecting that he has not served in Parliament for the required time, this newspaper can reveal"*. L-artikolista jorbot dan mal-fatt li r-rikorrent dam snin biex japplika ghal pensjoni u ghamel hekk biss wara li kien hemm tibdil fl-amministrazzjoni fis-sena 2013. Infatti l-artikolu jghid "*sources close to the Tresury told the Times of Malta that it was obvious that pressure was brought to bear so that the 'special pension' could be issued.*" Dan gie ulterjorment emfasizzat mis-subtitoli.

35. Illi l-Qorti tikkunsidra dak li l-qarrej ta' intelligenza ordinarja jifhem meta jaqra l-artikolu huwa li r-rikorrent applika ghall-pensjoni ftit zmien biss wara li kien hemm bidla fil-Gvern fl-2013 ghaliex kien jaf li dan sejjer jigi agevolat mill-istess Gvern biex jiehu dak li ma' kienx haqqu jiehu snin qabel taht amministrazzjoni precedenti. L-istess qarrej jifhem ukoll wara li jaqra l-artiklu illi r-rikorrent gie pprivileggjat mill-Gvern u li minkejja l-oggezzjoni tat-Tezor dan tal-ahhar kellu fl-ahhar icedi ghal pressjoni u johrog dak li r-rikorrent ma' kienx intitolat ghalih. Fis-succint, din kienet it-"tingiza" tal-libell li jilmenta minnha r-rikorrent.

36. Illi ftit mill-kummenti numeruzi li saru fuq l-*online porrtal*, ghalkemm ma humiex mertu ta' dan il-libell huma ukoll parti minn prova ta' dak li l-*ordinary reasonable reader* inferixxa mill-artikolu jikkonfermaw ulterjorment li l-*innuendo* fil-kitba tal-artikolu kien li kien hemm forma ta' pressjoni politika u

dan kien ulterjorment rijinforzat mill-argument tal-artikolista li din l-applikazzjoni saret wara li gie elett gvern laburista , u cioe' snin wara li r-rikorrenti kien intitolat ghal pensjoni.

37. Illi apparti minn hekk dan l-artiklu xpruna lill-partit politiku Alternattiva Demokratika sabiex jressaq il-kaz lil Awditur Generali ghal investigazzjoni, liema investigazzjoni imbaghad stabbiliet illi ma' kien hemm l-ebda indhil politiku jew imgieba mhux xierqa fl-ghoti tal-pensjoni lir-rikorrenti.

38. Illi minn dan kollu jirrizulta b'mod car lill-Qorti illi l-eccezzjoni tal-verita' tal-fatti mressqa mill-intimati f'din il-kawza ma' tistax tintlaqa ghaliex f'diversi partijiet tieghu u fis-sustanza tieghu, l-artiklu jikkonsisti f'fatti zbaljati.

*It-tieni eccezzjoni: Fil-mertu, l-artiklu jikkonsisti f'kummenti giusti dwar haga ta' interess pubbliku u bhala tali l-istess publikazzjonijiet mhux biss permissibbli fl-ordinament guridiku izda wkoll huma mehtiega ghas-sahha istituzzjonali u demokratika ta' dan il-pajjiz*

39. Illi bhala parti mit-tieni eccezzjoni l-intimati ressqu ukoll l-eccezzjoni separata u distinta tal-kumment gust.

40. Illi dwar din id-difiza Gatley jghid kif gej:

***"To succeed in a defence (of fair comment) the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. However, an inference of fact from other facts referred to may amount to a comment. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of, at least to the extent of indicating that what is being stated is comment Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If the Claimant can show that the comment was actuated by malice (which for this purpose means that the defendant was not expressing his genuine opinion) he will defeat the plea. It is not enough, however, to show that the comment was prejudiced or exaggerated or "unfair" in the ordinary sense of that word."*** [54]

41. Illi fis-succint, l-elementi tad-difiza tal-*fair comment* skond Gatley kif sussegwentement elaborati mill-Qrati taghna[55] huma ghalhekk hamsa:

---

[54] Gatley on Libel and Slander Sweet and Maxwell (London) 11th ed., pagna 336

[55] Ara perezempju **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** (Rif Nru 946/1997 JRM deciza fit 30 ta' April 2015)

1. Il-kumment irid ikun gie msejjes fuq fatti li jkunu ssemmew fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment;

2. Il-fatti imsemmija jridu ikunu sostanzjalment veri;

3. Jekk il-kumment ikun dwar imputazzjoni ta' motivi korrotti jew dizonesti irid jintwera li dan il-kumment kien ġustifikabbli jew mistħoqq;

4. Il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u

5. Il-kumment irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma tkunx saret b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.

42. Illi kif diga' inghad l-fatti imsemmija fl-artiklu rrizultaw illi huma sostanzjalment skorretti u ghalhekk, minkejja illi l-kuntest li fiha nkiteb l-artiklu huwa certament *"a matter of public interest",* madanakollu ma' jista qatt jigi accettat illi kummenti maghmula fuq fatti skorretti ghandhom jitqiesu bhala "*fair comment".*

43. Illi dak li certament irrizulta b'mod inkonfutabbli huwa illi kemm ir-rikorrent, kemm l-Assocjazzjoni, kemm il-Parlament, kemm it-Tezor u kemm l-Avukat Generali mxew b'mod kawt u ragjonevoli f'din il-kwistjoni u li ma' kien hemm ebda indhil jew pressjoni sabiex ir-rikorrent finalment ha' dak li kien haqqu bil-ligi. Ghalhekk l-eccezzjoni ta' *fair comment* qeghda ukoll tigi skartata minn din il-Qorti.

*It-tielet eccezzjoni: ma' kien hemm l-ebda animus injurjandi f'dan il-kaz anke ghaliex l-posizzjoni tar-rikorrenti giet ippubblikata fis-Sunday Times of Malta u fuq is-sit www.timesofmalta.com*

44. Illi r-rikorrent sejjes it-talba tieghu fuq l-Artikolu 28 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi kif gej:

***"28. (1) Fil-każ ta' malafama, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3, li l-għan tagħha jkun li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna, il-qorti ċivili kompetenti tista', minbarra d-danni li jistgħu jintalbu taħt xi liġi li tkun fis-seħħ f'dak iż-żmien dwar telf jew ħsara attwali, tagħti lill-persuna offiża somma ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).***

***(2) F'kull każ li għalih japplika dan l-artikolu, il-konvenut jista', bi tnaqqis tad-danni, jipprova li hu jkun għamel jew offra li jagħmel apoloġija lill-attur dwar dik il-malafama qabel ma tkun inbdiet l-azzjoni għad-danni jew, kemm jista' jkun malajr wara malli kellu l-opportunità li hekk jagħmel f'każ li l-azzjoni tkun inbdiet qabel kellu l-opportunità li jagħmel jew li joffri li jagħmel dik l-apoloġija:***

***Iżda l-konvenut ma jistax iġib dik il-prova bi tnaqqis ta' danni jekk hu jkun ġieb il-prova tal-verità skont l-artikolu 12."***

45. Illi l-*animus iniuriandi* huwa prezunt meta l-kliem li nghad huwa ingurjuz; imma din il-prezunzjoni hija *iuris tantum* li sservi biex tixhet fuq l-intimati l-piz tal-prova kuntrarja eskludenti dak l-*animus*. Il-*bwona fede* tad-diffamatur ma ghandiex x'taqsam. Ghax xejn ma jservi lilu li jipprova li hu jahseb li l-addebitu minnu maghmul kien veru. Darba moghtija l-eccezjoni tal-verita` tal-fatti l-unika haga li tista' issostniha hi l-prova obbjettiva tal-verita` tal-fatti, u xejn ma ghandha x'taqsam il-prova ta' l-istat subjettiv tac-certezza tad-diffamatur.[56]

46. Illi l-artikolista jsostni illi l-artiklu in kwistjoni kien kontinwazzjoni ta' sensiela ta' artikli miktuba fl-isfond ta' investigazzjoni li kienu wettqu fuq il-pensjonijiet privileggati u li ghalhekk ma' kien hemm l-ebda intenzjoni li jingurja jew jimmalafama lir-rikorrent. Bir-rispett kollu lejh il-Qorti m'hijiex konvinta minn dan. Dak li ghamel l-artikolista matul il-kors tal-kawza u dak li ma' ghamilx qabel il-ftuh taghha huma indikattivi f'dan ir-rigward. Irrizulta illi fil-kors tar-ricerka tieghu, minkejja li *ex-admissis* l-intimat Camilleri strah hafna fuq il-minuti tal-laqgha tal-Assocjazzjoni tal-11 ta' Settembru 2014, ghal xi raguni jew ohra dan skarta ghal kollox l-fatt, mhux ftit importanti, illi l-pensjoni tar-rikorrent inharget wara li kien inghata parir f'dan ir-rigward mill-ufficcju tal-Avukat Generali. Lanqas ma' kien hemm xi tentattiv sabiex jinforma lill-qarrejja bid-dicitura tal-ligi in kwistjoni, xi haga li l-Qorti ssostni li anke fuq livell ordinarju (i.e. mhux legali) ghandu jinftiehem minn nies ta' intelligenza ordinarja. L-artikolista' ghazel minflok li joqghod fuq sorsi mid-Dipartiment tat-Tezor u fuq l-interpretazzjoni tieghu tal-minuti tal-laqgha msemmija. L-artikolista ma esponiex il-fatti kollha li seta' gie a konoxxjenza taghhom u il-Qorti tikkunsidra li l-mod ta' kif inhu miktub l-artiklu jitfa' dell ikrah fuq kif ir-rikorrent wasal biex jiehu l-pensjoni tal-irtirar ta' membru parlamentari. L-intimat Camilleri jitfa' piz ukoll fuq il-fatt illi huwa ma' nghata l-ebda widen mir-rikorrent meta kkuntattjah telefonikament qabel ma' hareg l-artiklu sabiex jikseb izjed informazzjoni. F'dan ir-rigward il-Qorti ma' taqbilx li b'daqshekk ir-rikorrent kien jahti ghall-informazzjoni zbaljata li nghatat fil-konfront tieghu mhux l-anqas ghaliex ir-ricerka li ghandu jaghmel gurnalist in sostenn tal-istorja tieghu ma' tistax tistrieh fuq dak li jghidlu jew ma' jghidlux il-protagonist tal-

[56] **<u>Perit Joseph Boffa vs John A. Mizzi</u>** (Rif Nru 285/1994/2 deciza fil-21 ta' Gunju 2005)

istorja, izjed u izjed meta din tkun tikkoncerna allegazzjonijiet xejn pjacevoli fil-konfront tieghu.

Matul il-kawza imbaghad hareg ripetutament matul ix-xhiedha tieghu li l-intimat Camilleri seta' kellu konsiderazzjonijiet ohra f'mohhu meta kiteb l-artiklu in kwistjoni:

*"Ix-Xhud: Sur Magistrat, jiena ktibt dak li ktibt hawnhekk qieghed tarah. Jiena ma semmejtx hafna affarijiet, fosthom per ezempju li l-Imhallef Sciberras, ma kienx hawn inkjesta wahda li ghamel il-Gvern illi ma kienx involut fiha per ezempju."*[57]

*"Ix-Xhud: Sur Magistrat, l-ewwel nett irid jinghad li dan l-artikolu inkiteb f'kuntest. Il-kuntest huwa li f'Malta ghandna sistema ta' pensjonijiet normali ghan nies normali li l-average taghha huwa madwar 500 euro fix-xahar… F'dan il-kuntest inkitbu diversi artikoli, fosthom minni, fuq dan il-materja ta' kontroversja ghaliex kien hemm hafna nies ovvjament dawk li ma kinux privileggati illi bdew jghidu mhux sewwa illi ahna naghmlu erbghin sena nahdmu u niehdu mizerja ta' pensjoni u haddiehor ghax jaghmel legislatura jew ftit inqas minnha jiehu zewg pensjonijiet. U kien hemm dawn it-tip ta' artikli, fosthom ukoll hemm petizzjoni pubblika, u ktibna fuqha li kien hemm din il-petizzjoni li titressaq fil-Parlament biex dan l-abbozz ta' ligi jigi skartat. Ma jitkomplix. U hawnhekk nista' nipprovdilek ukoll wiehed minn dawn l-artikli li kien involut fih ukoll id-deputat Godfrey Farrugia…"*[58]

*"Ix-Xhud: Se nipprovdilek dokument iehor, artiklu iehor li deher qabel dan l-artiklu kontestat illi ukoll jispjega kif dawn il-Membri Parlamentari privileggati kienu qed jiehdu giex miljuni fis-sena fi privileggi parlamentari, hafna aktar minn nies li jkunu ukoll taw xi kontribut ghall-pajjiz u li jkunu hadmu erbghin sena fix-xoghol. U hawnhekk zvelajna ukoll, wara li ghamilna l-istharrig taghna, illi dawna l-ex membri parlamentari kienu qed jaghtu servizz lill-pajjiz inghataw… qed jiehdu huma ukoll dawk in-nisa romol…kienu qed jiehdu pensjoni parlamentari illi tfisser hafna aktar eluf milli qed jiehdu n-nies normali."*[59]

47. Illi l-Qorti tifhem u tapprezza x-xoghol tal-gurnalisti u r-rwol fundamentali tal-*media* bhala r-raba' pilastru ta' socjeta' demokratika. Hafna drabi dan l-istess xoghol ftit jigi apprezzat mill-pubbliku li ftit jew xejn tghaddilu minn mohhu kemm gurnalist ta' stoffa jahdem taht pressjoni u kemm jidhol ghal riskji sabiex jaqdi l-inkarigu tieghu. Madanakollu l-Qorti ma' tista qatt tinjora meta ghal

[57] Fol 36
[58] Fol 29 *et. seq.*
[59] ibid

raguni jew ohra, persuna tigi mzebilha u esposta ghad-disprezz pubbliku minghajr ma' jkun hemm gustifikazzjoni legali ghal dan.

48. Illi fil-fehma tal-Qorti, l-agir tal-artikolista kien rizultat ta' stmerrija u disprezz lejn persuna li f'mohh l-artikolista gie agevolat politikament mill-Gvern u bhala tali hass ghaldaqstant li kellu jigi espost pubblikament ghal dak li ghamel. Dan seta ukoll holoq percezzjoni ta' ingustizzja f'mohh l-artikolista li ghal numru ta' drabi matul ix-xhiedha tieghu donnu ried johloq distinzjoni bejn dak li jiehdu n-nies normali u dak li jiehdu l-hekk imsejjha "privileggjati". Kien x'kien ir-ragunament f'mohh l-artikolista, dan ma' jiggustifikax dak li imbaghad spicca biex kiteb, galadarba irrizulta illi dan ma' kien xejn ghajr artiklu mimli zbalji u supposizzjonijiet gratwiti. L-artikolista' seta' facilment jipprova jindirizza din il-percezzjoni billi jikkritika b'mod kostruttiv is-sistema shiha tal-pensjonijiet tal-ex-Parlamentari, minflok ma' jattakka l-integrita' ta' persuna li tista' tghid bniet il-karriera professjonali taghha b'mod esklussiv fuq l-integrita' u l-affidabbilita' taghha bhala gudikant fl-oghla Qrati Maltin.

*Kwantum tad-danni*

49. Illi kif inhuwa ben risaput fir-rigward tal-kwantifikazzjoni tad-danni ghall-malafama taht l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta) mhuwiex neċessarju li dawn id-danni jkunu rejali u attwali, imma jistgħu jkunu biss ta' indole morali.

50. Illi r-rikorrenti qed jitlob li fir-rigward ta' danni jigu moghtija lilu l-massimu skond il-ligi. Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet: **"Carmel Tonna et –vs- Felix Agius et"**, deciza fit- 23 ta' Marzu 1993 (**Vol LXXVII pII** p87) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kienet rriteniet li fil-fehma taghha "*l-azzjoni ta' libell, biex tkun verament effikaci u gusta, ghandha tigi adoperata b'gudizzju u cirkospezzjoni, tenut kont ta' l-ingurja, il-gravita` taghha, lejn min tkun diretta u lil min tkun mahsuba tilhaq u x'danni konsegwenzjali diretti jew indiretti tista' tiggenera".*

51. Illi din il-Qorti tgawdi minn diskrezzjoni meta tiġi biex tillikwida d-danni morali. Madanakollu kif inghad mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Dr Andrew Borg Cardona et vs Aaron Farrugia** (ECLI:MT:AINF:2018:114767 deciza mill-Imhallef Anthony Ellul fit 18 ta' Dicembru 2018) *"jkun iktar floku jekk f'kawza ta' libell l-ewwel qorti fis-sentenza taghti r-ragunijiet li jkunu wassluha biex tillikwida s-somma li tikkundanna lill-konvenut ihallas. Hemm diversi ragunijiet, bhal per ezempju:*

- *In-natura u s-serjeta tal-allegazzjoni li tkun saret fid-dikjarazzjoni malafamanti;*

- *Il-mezz tal-pubblikazzjoni;*
- *Kemm id-dikjarazzjoni malafamanti tkun inxterdet;*
- *Li l-awtur ikun ghamel apologija jew offra li jaghmel apologija;*
- *Provi dwar ir-reputazzjoni tal-attur;*
- *Fejn il-konvenut ikun invoka l-verita tal-fatti, jekk parti mill-fatti li jkun gew imxandra jkunu rrizultaw li huma veri;"*

52. Illi mehud dana kollu in konsiderazzjoni, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijet:

    1. Ir-rikorrent bhala ex-gudikant u wara karriera twila fl-ghola Qrati Maltin igawdi minn reputazzjoni gholja fis-socjeta' Maltija u dan il-kaz kien l-ewwel kontroversja u l-ewwel allegazzjoni serja li qatt iffaccja fil-karriera tieghu.

    2. L-allegazzjonijiet kienu ta' natura serja hafna fil-konfront tar-rikorrent stante illi gie attribwit lilu agir li jmur direttament kontra l-fiducja pubblika.

    3. L-intimati fl-ebda stadju ma' offrew xi forma ta' apologija anke meta matul il-kawza l-fatti li bdew johorgu kienu qed jaghtu stampa opposta ta' dak li gie rrappurtat fl-artiklu lamentat. Anzi huma komplew jinsistu fuq il-verita tal-fatti (xi haga li sussegwentement ma' ppruvawx) u fi stadju tardiv sahansitra ppruvaw jdawwru ta' taht fuq it-tifsira cara tal-artiklu (billi per ezempju illi jghidu li mkien fl-artiklu ma' kien hemm miktub illi r-rikorrent ha xi haga li ma' kienx haqqu u li dan kien qieghed jinterpreta l-artiklu b'mod skorrett ghaliex wara kollox ma' kien hemm xejn hazin billi wiehed jitfa pressjoni legittima biex jakkwista dak li intitolat ghalih)[60]

    4. B'rizultat tal-artiklu, ir-rikorrent gie suggett ukoll ghal investigazzjoni mill-Awditur Generali li wara ftit xhur imbaghad wasal ghall-konkluzjoni illi ma' kien hemm l-ebda imgieba mhux xierqa jew indhil politiku sabiex ir-rikorrent jinghata dak li kien haqqu.

53. Ghalhekk il-Qorti, wara li qieset dan kollu hija tal-fehma illi s-somma ta' <u>**disat elef euro (€9,000)**</u> ikun kumpens xieraq u gust bhala danni morali għall-malafama sofferta mir-rikorrent.

**Decide**

54. **Il-Qorti qeghda ghalhekk tiddisponi minn din il-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati u tilqa' t-talba tar-rikorrenti b'dan illi:**

[60] Fol 292

1. **tiddikjara illi z-zewg artikli intitolati "Ex-MP gets top pension despite objections" u "Ex-MP gets top pension despite Treasury objections" it-tnejn ippublikati fil-gurnal stampat The Sunday Times of Malta kif ukoll il-website www.timesofmalta.com rispettivament nhar il-Hadd 18 ta' Marzu 2018, huma malafamanti u libelluzi fil-konfront tar-rikorrenti.**

2. **tikkundanna lill-intimati kollha jhallsu lir-rikorrent is-somma komplessiva ta' disat elef euro (€9,000) bhala danni taht l-Artikolu 28(1) tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta.**

***(ft)*** **Dr. Victor George Axiak LL.D.**
**Magistrat**

***(ft)*** **Mario Azzopardi**
**Deputat Registratur**